Għall-finijiet tal-punt (d), ammont ta' pagament jitqies li hu materjali meta jekk jiġi injorat fil-kalkolu tal-parametru speċifiku għall-impriża jista' jinfluwenza t-teħid tad-deċiżjonijiet jew il-ġudizzju tal-utenti ta' dik l-informazzjoni, inklużi l-awtoritajiet superviżjorji.

▼B

Speċifikazzjoni tal-metodu

(3) Għall-fini tal-paragrafi 4 u 5, tapplika n-notazzjoni li ġejja:

(a) is-snin tal-aċċident jiġu ddenotati b'numri konsekuttivi li jibdew miż-0 għall-ewwel sena tal-aċċident li għaliha d-dejta tkun disponibbli;

(b) I huwa l-iktar sena tal-aċċident riċenti li għaliha d-dejta hija disponibbli;

(c) J huwa l-iktar sena tal-iżvilupp riċenti fl-ewwel sena tal-aċċident li għaliha d-dejta hija disponibbli;

(d) $C_{(i,j)}$ huwa l-pretensjonijiet kumulattivi għas-sena tal-aċċident i u s-sena tal-iżvilupp j.

(4) Id-devjazzjoni standard speċifika għall-impriża tar-riskju ta' riżerva mhux tal-ħajja jew tar-riskju ta' riżerva tas-saħħa NSLT ta' segment s tkun ugwali għal dan li ġej:

$$\sigma_{(res,s,USP)} = c \cdot \frac{\sqrt{MSEP}}{\sum_{i=0}^{I}\left(\hat{C}_{(i,J)} - C_{(i,I-i)}\right)} + (1-c)\cdot\sigma_{(res,s)}$$

fejn:

(a) c huwa l-fattur ta' kredibbiltà stabbilit fit-taqsima G;

(b) $MSEP$ huwa l-kwadrat medju tal-previżjoni kif speċifikat fil-paragrafu 5;

(c) għas-snin tal-aċċident u s-snin tal-iżvilupp kollha, $\hat{C}_{(i,j)}$ huwa l-istima tal-pretensjonijiet kumulattivi għas-sena tal-aċċident speċifika i u s-sena tal-iżvilupp j, u li huwa ddefinit kif ġej:

$$\hat{C}_{(i,j)} = C_{(i,I-i)}\hat{f}_{I-i}\cdots\hat{f}_{j-2}\hat{f}_{j-1}$$

fejn għas-snin tal-iżvilupp kollha $\hat{f}_j$ huwa l-istima tal-fattur tal-iżvilupp tas-sena tal-iżvilupp speċifika j, li huwa ddefinit kif ġej:

$$\hat{f}_j = \frac{\sum_{i=0}^{I-j-1} C_{(i,j+1)}}{\sum_{i=0}^{I-j-1} C_{(i,j)}}$$

(d) $\sigma_{(res,s)}$ huwa l-parametru standard għar-riskju ta' riżerva mhux tal-ħajja jew tar-riskju ta' riżerva tas-saħħa NSLT ta' segment s.

(5) ►**M1** Il-kwadrat medju tal-previżjoni jkun ugwali għal li ġej:

$$MSEP = \sum_{i=1}^{I}\hat{C}_{(i,J)}^{2}\cdot\left(\frac{\hat{Q}_{I-i}}{C_{(i,I-i)}} + \frac{\hat{Q}_{I-i}}{S_{I-i}} + \sum_{j=I-i+1}^{J-1}\frac{C_{(I-j,j)}}{S'_j}\cdot\frac{\hat{Q}_j}{S_j}\right) + 2\cdot\sum_{i=1}^{I}\sum_{k=i+1}^{I}\hat{C}_{(i,J)}\cdot\hat{C}_{(k,J)}\cdot\left(\frac{\hat{Q}_{I-i}}{S_{I-i}} + \sum_{j=I-i+1}^{J-1}\frac{C_{(I-j,j)}}{S'_j}\cdot\frac{\hat{Q}_j}{S_j}\right)$$ ◄

fejn:

(a) għas-snin tal-aċċident u s-snin tal-iżvilupp kollha, $\hat{C}_{(i,J)}$ huwa l-istima tal-pretensjoni kumulattiva għas-sena speċifika tal-aċċident i u s-sena tal-iżvilupp j, kif stabbilit fil-paragrafu 4(c).

(b) għas-snin tal-iżvilupp kollha, S_j huwa l-ammont li ġej għal sena speċifika tal-iżvilupp j:

$$S_j = \sum_{i=0}^{I-j-1} C_{(i,j)}$$

▼B

(c) għas-snin tal-iżvilupp kollha, S'_j huwa l-ammont li ġej għal sena speċifika tal-iżvilupp *j*:

$$S'_j = \sum_{i=0}^{I-j} C_{(i,j)}$$

(d) għas-snin tal-iżvilupp kollha, $\hat{Q}_j$ huwa l-ammont li ġej għal sena speċifika tal-iżvilupp *j*:

$$\hat{Q}_j = \frac{\hat{\sigma}_j^2}{\hat{f}_j^2}$$

fejn:

(i) $\hat{f}_j$ huwa l-istima tal-fattur tal-iżvilupp tas-sena tal-iżvilupp *j* kif stabbilit fil-paragrafu 4(c);

(ii) $\hat{\sigma}_j^2$ huwa l-ammont li ġej:

$$\hat{\sigma}_j^2 = \frac{1}{I-j-1} \sum_{i=0}^{I-i-1} C_{(i,j)} \left(\frac{C_{(i,j+1)}}{C_{(i,j)}} - \hat{f}_j \right)^2 \qquad j = 0,\ldots, (J-2)$$

$$\hat{\sigma}_j^2 = \min\left(\hat{\sigma}_{J-2}^2, \hat{\sigma}_{J-3}^2, \frac{\hat{\sigma}_{J-2}^4}{\hat{\sigma}_{J-3}^2} \right) \qquad j = (J-1)$$

E. **Metodu tar-riskju ta' reviżjoni**

Rekwiżiti tad-dejta li tiddaħħal u tad-dejta speċifika għall-metodu

(1) Id-dejta sabiex tiġi stmata ż-żieda speċifika għall-impriża fl-ammont ta' benefiċċji ta' annwalità tikkonsisti fl-ammonti annwali ta' benefiċċji ta' annwalità tal-obbligi tal-assigurazzjoni tal-annwalità fejn il-benefiċċji pagabbli jistgħu jiżdiedu bħala riżultat ta' bidliet fl-ambjent legali jew fl-istat tas-saħħa tal-persuna assigurata (benefiċċji ta' annwalità), separatament għas-snin finanzjarji konsekuttivi u għal kull benefiċjarju.

(2) Japplikaw ir-rekwiżiti tad-dejta speċifiċi għall-metodu li ġejjin:

(a) id-dejta hija rappreżentattiva tar-riskju ta' riżerva li l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tkun esposta għalih matul it-tnax-il xahar ta' wara;

(b) id-dejta tkun disponibbli għal mill-inqas ħames snin finanzjarji konsekuttivi;

(c) il-benefiċċji ta' annwalità jkunu gross, mingħajr tnaqqis tal-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni u strumenti ta' għan speċjali;

(d) il-benefiċċji ta' annwalità jinkludu l-ispejjeż imġarrba waqt il-ħlas tal-obbligi tal-annwalità;

(e) id-dejta tkun konsistenti mas-suppożizzjonijiet li ġejjin dwar in-natura stokastika taż-żidiet fl-ammont ta' benefiċċji ta' annwalità:

i. in-numru ta' żidiet fl-annwalità fis-sena jsegwi distribuzzjoni binomjali negattiva, inkluż fit-tarf tad-distribuzzjoni;

ii. l-ammont ta' żieda fl-annwalità jsegwi distribuzzjoni lognormali, inkluż fir-tarf tad-distribuzzjoni;

iii. in-numru ta' żidiet fl-annwalità fis-sena u l-ammonti taż-żieda fl-annwalità jkunu stokastikament indipendenti b'mod reċiproku.

▼B

Speċifikazzjoni tal-metodu

(3) Għall-fini tal-paragrafi 4-8, tapplika n-notazzjoni li ġejja:

(a) is-snin finanzjarji jiġu ddenotati b'numri konsekuttivi li jibdew mill-1 għall-ewwel sena finanzjarja li għaliha d-dejta tkun disponibbli;

(b) T huwa l-iktar sena finanzjarja riċenti li għaliha d-dejta hija disponibbli;

(c) $A_{(i,t)}$ huwa l-benefiċċji ta' annwalità ta' benefiċjarju i f'sena finanzjarja t;

(d) $D_{(i,t)}$ huwa l-bidla tal-benefiċċji ta' annwalità wara sena finanzjarja t, li tkun ugwali għad-differenzi li ġejja:

$$D_{(i,t)} = A_{(i,t)} - A_{(i,t-1)}$$

(4) Iż-żieda speċifika għall-impriża fl-ammont ta' benefiċċji ta' annwalità tkun ugwali għal li ġej:

$$S_{USP} = c \cdot \frac{VaR_{0,995}(R) - \overline{R}}{\overline{R}} + (1 - c) \cdot S$$

fejn:

(a) c huwa l-fattur ta' kredibbiltà stabbilit fit-taqsima G;

(b) $\overline{R}$ huwa ż-żidiet mistennija fil-valur tal-annwalità stabbiliti fil-paragrafu 5;

(c) $VaR_{0,995}(R)$ huwa l-kwantil ta' 99,5 % tad-distribuzzjoni taż-żidiet fl-annwalità stabbiliti fil-paragrafu 6;

(d) S huwa ugwali għal 3 % fejn il-kalkolu jsir għall-fini tas-submodulu ta' riskju ta' reviżjoni stabbilit fl-Artikolu 141 u ugwali għal 4 % fejn il-kalkolu jsir għall-fini tas-submodulu ta' riskju ta' reviżjoni tas-saħħa stabbilit fl-Artikolu 158.

(5) Iż-żidiet mistennija fil-valur tal-annwalità jkunu ugwali għal li ġej:

$$\overline{R} = \overline{X} \cdot \overline{N}$$

fejn:

(a) $\overline{X}$ huwa l-bidla medja stmata fil-benefiċċji ta' annwalità, ristretta għal dawk il-bidliet fil-benefiċċji ta' annwalità li jkunu ikbar minn żero;

(b) $\overline{N}$ huwa l-għadd medju stmat ta' bidliet fil-benefiċċji ta' annwalità li jkunu akbar minn żero, għal sena finanzjarja.

(6) Iż-żidiet fl-annwalità jkunu ugwali għal li ġej:

$$R = \sum_{k=1}^{N} X_k$$

fejn:

(a) N huwa n-numru ta' żidiet annwali fl-annwalità u jsegwi distribuzzjoni binomjali negattiva b'valur mistenni li jkun ugwali għan-numru stmat ta' bidliet fil-benefiċċji ta' annwalità stabbilit fil-punt (b) tal-paragrafu 5 u b'devjazzjoni standard li tkun ugwali għad-devjazzjoni standard stmata tal-għadd ta'bidliet fil-benefiċċji ta' annwalità stabbilita fil-paragrafu 7;

▼B

(b) X_k huwa l-ammont ta' żieda fl-annwalità u jsegwi distribuzzjoni lognormali b'valur mistenni li jkun ugwali għall-bidla medja stmata fil-benefiċċji ta' annwalità stabbilita fil-punt (b) tal-paragrafu 5 u b'devjazzjoni standard li tkun ugwali għad-devjazzjoni standard stmata tal-bidliet fil-benefiċċji ta' annwalità stabbilita fil-paragrafu 8;

(c) in-numru ta' żidiet fl-annwalità fis-sena u l-ammonti taż-żieda fl-annwalità jkunu stokastikament indipendenti b'mod reċiproku.

(7) Id-devjazzjoni standard stmata għan-numru ta' bidliet fil-benefiċċji ta' annwalità għandha tkun ugwali għal li ġej:

$$\hat{\sigma}_N = \sqrt{\frac{1}{T-1} \cdot \sum_{t=1}^{T} \left(N_t - \overline{N}\right)^2}$$

fejn:

(a) N_t huwa n-numru ta' bidliet fil-benefiċċji ta' annwalità fis-snin finanzjarji t li jkunu akbar minn żero;

(b) $\overline{N}$ huwa l-bidla medja stmata fil-benefiċċji ta' annwalità stabbilita fil-punt (b) tal-paragrafu 5.

(8) Id-devjazzjoni standard stmata tal-bidliet fil-benefiċċji ta' annwalità tkun ugwali għal li ġej:

$$\hat{\sigma}_X = \sqrt{\frac{1}{n-1} \cdot \sum_{i,t} \left(D_{(i,t)} - \overline{X}\right)^2}$$

fejn:

(a) is-somma tinkludi biss dawk il-benefiċjarji i u s-snin finanzjarji t li għalihom $D_{(i,t)}$ huwa akbar minn żero;

(b) n huwa n-numru tal-kwantitajiet magħduda tas-somma msemmija fil-punt (a);

(c) $\overline{X}$ huwa l-bidla medja stmata fil-benefiċċji ta' annwalità stabbilita fil-punt (a) tal-paragrafu 5.

F. **Metodu tar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali**

Rekwiżiti tad-dejta li tiddaħħal u tad-dejta speċifika għall-metodu

(1) Id-dejta sabiex jiġi stmat il-fattur ta' aġġustament speċifiku għall-impriża għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali tikkonsisti fl-ammonti ta' pretensjonijiet aħħarin ta' pretensjonijiet tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li ġew irrapportati lill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni f'segment *s* matul l-aħħar snin finanzjarji, separatament għal kull pretensjoni tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni.

(2) Japplikaw ir-rekwiżiti tad-dejta speċifiċi għall-metodu li ġejjin:

(a) id-dejta hija rappreżentattiva tar-riskju tal-primjum li l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tkun esposta għalih matul it-tnax-il xahar ta' wara;

(b) id-dejta ma tkunx tindika riskju tal-primjum ogħla minn kemm hu rifless fid-devjazzjoni standard għar-riskju tal-primjum użata sabiex jiġi kkalkulat ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(c) l-ammonti ta' pretensjonijiet aħħarin ikunu stmati fis-sena meta l-pretensjonijiet tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni kienu rrappurtati;

(d) id-dejta tkun disponibbli għal mill-inqas ħames snin tar-rappurtar;

(e) fejn il-kuntratt rikonoxxibbli tar-riassigurazzjoni ta' eċċess ta' telf japplika għall-pretensjonijiet gross, l-ammonti ta' pretensjonijiet aħħarin ikunu gross;

▼B

(f) fejn il-kuntratt rikonoxxibbli tar-riassigurazzjoni ta' eċċess ta' telf japplika għal pretensjonijiet wara t-tnaqqis tar-rekuperabbli minn ċerti kuntratti tar-riassigurazzjoni u strumenti ta' għan speċjali oħrajn, l-ammonti riċevibbli minn dawn iċ-ċerti kuntratti tar-riassigurazzjoni u strumenti ta' għan speċjali oħrajn jitnaqqsu mill-ammonti ta' pretensjonijiet aħħarin;

(g) l-ammonti tal-pretensjonijiet aħħarin ma jinkludux l-ispejjeż imġarrba waqt il-ħlas tal-obbligi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni;

(h) id-dejta tkun konsistenti mas-suppożizzjoni li l-ammonti ta' pretensjonijiet aħħarin isegwu distribuzzjoni lognormali, inkluż fit-tarf tad-distribuzzjoni.

Speċifikazzjoni tal-metodu

(3) Għall-fini tal-paragrafi 4-7, tapplika n-notazzjoni li ġejja:

(a) il-pretensjonijiet tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li għalihom id-dejta hija disponibbli jiġu ddenotati b'numri konsekuttivi li jibdew mill-1;

(b) n huwa n-numru ta' pretensjonijiet tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li għalihom id-dejta hija disponibbli;

(c) Y_i huwa l-ammont tal-pretensjoni aħħarija tal-pretensjoni tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni i;

(d) μ u ω huma l-ewwel u t-tieni mument, rispettivament, tad-distribuzzjoni tal-ammont tal-pretensjoni, li huma ugwali għall-ammonti li ġejjin:

$$\mu = \frac{1}{n}\sum_{i=1}^{n} Y_i \text{ u } \omega = \frac{1}{n}\sum_{i=1}^{n} Y_i^2$$

(e) b_1 huwa l-ammont tar-ritenzjoni tal-kuntratt rikonoxxibbli tar-riassigurazzjoni ta' eċċess ta' telf imsemmi fl-Artikolu 218(2);

▼M1

(f) fejn il-kuntratt rikonoxxibbli tar-riassigurazzjoni ta' eċċess ta' telf imsemmi fl-Artikolu 218(2) jipprovdi kumpens sa limitu speċifikat biss, b2 huwa l-ammont ta' dak il-limitu.

▼B

(4) Il-fattur speċifiku ta' aġġustament speċifiku għall-impriża għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali jkun ugwali għal li ġej:

$$NP_{USP} = c \cdot NP' + (1 - c) \cdot NP$$

fejn:

(a) c huwa l-fattur ta' kredibbiltà stabbilit fit-taqsima G;

(b) NP' huwa l-fattur ta' aġġustament stmat għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali stabbilit fil-paragrafu 5;

(c) NP huwa l-fattur ta' aġġustament għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali stabbilit fl-Artikolu 117(2);

(5) Il-fattur ta' aġġustament stmat għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali jkun ugwali għal li ġej:

$$NP' = \begin{cases} \sqrt{\dfrac{\omega_1 - \omega_2 + \omega + 2 \cdot (b_2 - b_1) \cdot (\mu_2 - \mu)}{\omega}}, & \text{►C2 fejn japplika l-paragrafu 3(f), ◄} \\ \sqrt{\dfrac{\omega_1}{\omega}} & \text{►C2 f'każijiet oħra. ◄} \end{cases}$$

fejn il-parametri μ_2, ω_1 u ω_2 huma stabbiliti fil-paragrafu 6.

▼B

(6) Il-parametri μ_2, ω_1 u ω_2 ikunu ugwali għal li ġej:

$$\mu_2 = \mu \cdot N(\frac{\ln(b_2) - \theta}{\eta} - \eta) + b_2 \cdot N(-\frac{\ln(b_2) - \theta}{\eta})$$

$$\omega_1 = \omega \cdot N(\frac{\ln(b_1) - \theta}{\eta} - 2 \cdot \eta) + b_1^2 \cdot N(-\frac{\ln(b_1) - \theta}{\eta})$$

$$\omega_2 = \omega \cdot N(\frac{\ln(b_2) - \theta}{\eta} - 2 \cdot \eta) + b_2^2 \cdot N(-\frac{\ln(b_2) - \theta}{\eta})$$

fejn:

(a) N huwa d-distribuzzjoni tal-probabbiltà kumulattiva tad-distribuzzjoni normali;

(b) ln huwa l-logaritmu naturali;

(c) il-parametri θ u η huma ugwali għal li ġej:

$$\theta = 2\ln\mu - \frac{1}{2}\ln\omega$$

$$\eta = \sqrt{\ln\omega - 2\ln\mu}.$$

(7) Minkejja l-paragrafu 5, fejn ir-riassigurazzjoni mhux proporzjonali tkopri gruppi ta' riskju omoġenji f'segment, il-fattur ta' aġġustament stmat għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali jkun ugwali għal li ġej:

$$NP' = \frac{\sum_h V_{(prem,h)} \cdot NP'_{(h)}}{\sum_h V_{(prem,h)}}$$

fejn:

(a) $V_{(prem,h)}$ huwa l-kejl tal-volum għar-riskju tal-primjum tal-grupp tar-riskju omoġenju h iddeterminat skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 116;

(b) $NP'_{(h)}$ huwa l-fattur ta' aġġustament stmat għar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali ta' grupp ta' riskju omoġenju h iddeterminat skont il-paragrafu 5.

G. **Fattur tal-kredibbiltà**

(1) Il-fattur tal-kredibbiltà għas-segmenti 1, 5 u 6 stabbiliti fl-Anness II ikun ugwali għal li ġej:

Tulijiet ta' żmien fi snin	Fattur tal-kredibbiltà c
5	34 %
6	43 %
7	51 %
8	59 %
9	67 %
10	74 %
11	81 %

▼B

Tulijiet ta' żmien fi snin	Fattur tal-kredibbiltà *c*
12	87 %
13	92 %
14	96 %
15 u ikbar	100 %

(2) Il-fattur ta' kredibbiltà għas-segmenti 2 sa 4 u 7 sa 12 stabbiliti fl-Anness II, għas-segmenti stabbiliti fl-Anness XIV u għall-metodu tar-riskju ta' reviżjoni jkun ugwali għal li ġej:

Tulijiet ta' żmien fi snin	Fattur tal-kredibbiltà *c*
5	34 %
6	51 %
7	67 %
8	81 %
9	92 %
10 u ikbar	100 %

(3) It-tul ta' żmien ikun ugwali għal li ġej:

(a) għall-metodu tar-riskju tal-primjum, in-numru ta' snin tal-aċċident li għalihom id-dejta hija disponibbli;

(b) għall-metodu tar-riskju ta' riżerva 1, in-numru ta' snin finanzjarji li għalihom id-dejta hija disponibbli;

(c) għall-metodu tar-riskju ta' riżerva 2, in-numru ta' snin tal-aċċident li għalihom id-dejta hija disponibbli;

(d) għall-metodu tar-riskju ta' reviżjoni, in-numru ta' snin finanzjarji li għalihom id-dejta hija disponibbli;

(e) għall-metodu tar-riassigurazzjoni mhux proporzjonali, in-numru ta' snin ta' rappurtar li għalihom id-dejta hija disponibbli;

▼B

ANNESS XVIII

TEKNIKI TA' INTEGRAZZJONI GĦAL MUDELLI INTERNI PARZJALI

A. **Dispożizzjonijiet ġenerali**

(1) Għall-finijiet ta' dan l-Anness, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) 'unità tal-mudell intern parzjali' hija komponent tal-mudell intern parzjali li jiġi kkalkulat separatament u ma jiġix aggregat fi ħdan il-mudell intern parzjali;

(2) Meta impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni japplikaw it-tekniki ta' integrazzjoni 1 sa 5, ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jkun it-total tal-elementi li ġejjin:

(a) ir-Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza Bażiċi kif stabbiliti fit-taqsimiet C sa F;

(b) ir-rekwiżit kapitali għar-riskju operazzjonali kif stipulat fl-Artikolu 107 tad-Direttiva 2009/138/KE, fejn dak ir-rekwiżit kapitali ma jkunx fl-ambitu tal-mudell intern parzjali, u kkalkulat bil-mudell intern parzjali, fejn dak ir-rekwiżit kapitali ikun fl-ambitu tal-mudell intern parzjali;

(c) l-aġġustament għall-kapaċità tal-assorbiment tat-telf tad-dispożizzjonijiet tekniċi u t-taxxi differiti, kif stipulati fil-paragrafu 3, fejn dak l-aġġustament ma jkunx fl-ambitu tal-mudell intern parzjali, u kkalkulat bil-mudell intern parzjali fejn dak l-aġġustament ikun fl-ambitu tal-mudell intern parzjali.

(3) Fejn l-aġġustament għall-kapaċità tal-assorbiment tat-telf tad-dispożizzjonijiet tekniċi u t-taxxi differiti ma jkunx fl-ambitu tal-mudell intern parzjali, dan jiġi kkalkulat kif stipulat fl-Artikoli 205 sa 207, imma bil-bidliet li ġejjin:

(a) ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza Bażiku msemmi fl-Artikoli 206(1) u (2) u 207(1) jiġi kkalkulat skont it-taqsimiet B sa F;

(b) il-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 206(2) japplikaw biss għall-kalkoli bil-formula standard;

(c) għall-finijiet tal-Artikolu 206(2) ir-rekwiżiti kapitali użati fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza Bażiku li jiġu kkalkulati bil-mudell intern parzjali jqisu l-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju pprovdut mill-benefiċċji diskrezzjonarji futuri ta' kuntratti tal-assigurazzjoni;

(d) ir-rekwiżit kapitali għar-riskju operazzjonali imsemmi fl-Artikolu 207(1)(c) jiġi kkalkulat skont il-paragrafu 2(b).

B. **Teknika tal-integrazzjoni 1**

Ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza Bażiku jkun ugwali għat-totali tar-rekwiżiti kapitali għall-unitajiet tal-mudell intern parzjali, ir-rekwiżit kapitali derivat bl-applikazzjoni tal-formula standard tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza Bażiku biss għar-riskji li huma barra mill-ambitu tal-mudell intern parzjali u r-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' assi intanġibbli kif stabbiliti fl-Artikolu 203.

C. **Teknika tal-integrazzjoni 2**

(1) Ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza Bażiku jkun ugwali għal li ġej:

$$BSCR = \sqrt{\sum_{i,j} Corr_{(i,j)} \cdot SCR_i \cdot SCR_j} + SCR_{int}$$

▼B

fejn:

(a) is-somma tkopri l-kombinazzjonijiet possibbli kollha (*i,j*) tal-lista ta' aggregazzjoni stabbilita fil-paragrafu 2;

(b) $Corr_{(i,j)}$ huwa l-parametru ta' korrelazzjoni, għall-elementi *i* u *j* tal-lista ta' aggregazzjoni;

(c) SCR_i u SCR_j huma r-rekwiżiti kapitali għall-elementi *i* u *j* tal-lista ta' aggregazzjoni rispettivament;

(d) SCR_{int} huwa r-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' assi intanġibbli kif stabbilit fl-Artikolu 203.

(2) L-elementi fil-lista ta' aggregazzjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) ikopru kull waħda mill-unitajiet tal-mudell intern parzjali;

(b) ►M1 dawn jinkludu kull wieħed mis-submoduli tal-formula standard li ġejjin ħlief dawk li jagħqu fl-ambitu tal-mudell intern parzjali: ◄

i. is-submoduli tal-modulu ta' riskju ta' sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja stabbiliti fl-Artikolu 114(1);

ii. is-submoduli tal-modulu ta' riskju ta' sottoskrizzjoni tal-ħajja stabbiliti fl-Artikolu 105(3) tad-Direttiva 2009/138/KE/;

iii. is-submoduli tal-modulu ta' riskju ta' sottoskrizzjoni tal-ħajja stabbiliti fl-Artikolu 151(1);

iv. is-submoduli tal-modulu ta' riskju tas-suq stabbiliti fl-Artikolu 105(5) tad-Direttiva 2009/138/KE/;

▼M1

(c) dawn jinkludu l-modulu ta' riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti tal-formula standard sakemm ma tkunx fl-ambitu tal-mudell intern parzjali.

▼B

Madankollu, fejn ebda wieħed mis-submoduli ta' modulu tal-formula standard ma jkunx fl-ambitu tal-modulu intern parzjali, il-lista ta' aggregazzjoni tinkludi dak il-modulu minflok is-submoduli tiegħu.

(3) Il-parametri ta' korrelazzjoni msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 ikunu konformi mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) għall-elementi kollha *i* u *j* mil-lista ta' aggregazzjoni, il-parametru ta' korrelazzjoni $Corr_{(i,j)}$ ma jkunx inqas minn – 1 u ma jkunx ikbar minn 1;

(b) għall-elementi kollha *i* u *j* mil-lista ta' aggregazzjoni, il-parametri ta' korrelazzjoni $Corr_{(i,j)}$ u $Corr_{(j,i)}$ ikunu ugwali;

(c) għall-elementi kollha i mil-lista ta' aggregazzjoni, il-parametru ta' korrelazzjoni $Corr_{(i,i)}$ ikun ugwali għal 1;

(d) għal kwalunkwe assenjazzjoni ta' numri reali lill-elementi tal-lista ta' aggregazzjoni japplika dan li ġej:

$$\sum_{i,j} Corr_{(i,j)} \cdot x_i \cdot x_j \geq 0$$

fejn:

i. is-somma tkopri l-kombinazzjonijiet possibbli kollha *(i,j)* tal-lista ta' aggregazzjoni;

ii. x_i u x_j huma n-numri assenjati lill-elementi *i* u *j*, rispettivament, tal-lista ta' aggregazzjoni;

(e) fejn l-elementi *i* u *j* mil-lista ta' aggregazzjoni jkunu moduli tal-formula standard, il-parametru ta' korrelazzjoni $Corr_{(i,j)}$ ikun ugwali għall-parametru ta' korrelazzjoni tal-formula standard li tintuża sabiex jiġu aggregati dawn iż-żewġ moduli;

▼B

(f) fejn l-elementi *i* u *j* mil-lista ta' aggregazzjoni jkunu submoduli tal-istess modulu tal-formula standard, il-parametru ta' korrelazzjoni $Corr_{(i,j)}$ ikun ugwali għall-parametru ta' korrelazzjoni tal-formula standard li tintuża sabiex jiġu aggregati dawn iż-żewġ submoduli;

(g) għall-elementi kollha i u j mil-lista ta' aggregazzjoni, il-parametru ta' korrelazzjoni $Corr_{(i,j)}$ ma jkunx inqas minn $Corr^{min}_{(i,j)}$ u ma jkunx ikbar minn $Corr^{max}_{(i,j)}$, fejn $Corr^{min}_{(i,j)}$ u $Corr^{max}_{(i,j)}$ huma l-limitu minimu u l-limitu massimu adattati magħżula mill-impriża.

L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jagħżlu l-parametri ta' korrelazzjoni msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 b'tali mod li ebda sett ieħor ta' parametri ta' korrelazzjoni li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a) sa (g) ma jirriżulta f'Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza ogħla, ikkalkulat skont il-paragrafu 1.

D. **Teknika tal-integrazzjoni 3**

(1) Ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza Bażiku jkun ugwali għal li ġej:

$$BSCR = \sqrt{S_S^2 + 2 \cdot S_S \cdot (\omega_1 \cdot P_C + \omega_2 \cdot P_S) + P^2} + SCR_{int}$$

fejn:

(a) S_S huwa r-rekwiżit kapitali mnissel bl-applikazzjoni tal-formula standard tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza Bażiku biss għar-riskji li mhumiex koperti bil-mudell intern parzjali;

(b) ω_1 huwa l-ewwel parametru ta' korrelazzjoni implikata kif stabbilit fil-paragrafu 2;

(c) P_c huwa r-rekwiżit kapitali li jirrifletti r-riskji li jkunu kemm fl-ambitu tal-formula standard kif ukoll tal-mudell intern parzjali, ikkalkulat bil-mudell intern parzjali;

(d) ω_2 huwa t-tieni parametru ta' korrelazzjoni implikata kif stabbilit fil-paragrafu 3;

(e) P_s huwa r-rekwiżit kapitali li jirrifletti r-riskji li jkunu fl-ambitu tal-mudell intern parzjali imma mhux fl-ambitu tal-formula standard, ikkalkulat bil-mudell intern parzjali;

(f) P huwa r-rekwiżit kapitali li jirrifletti r-riskji li jkunu fl-ambitu tal-mudell intern parzjali, ikkalkulat bil-mudell intern parzjali.

(g) SCR_{int} huwa r-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' assi intanġibbli kif stabbilit fl-Artikolu 203.

(2) L-ewwel parametru ta' korrelazzjoni implikata jkun ugwali għal li ġej:

$$\omega_1 = \frac{S^2 - S_S^2 - S_C^2}{d_1 + 2 \cdot S_S \cdot S_C}$$

fejn:

(a) S huwa r-rekwiżit kapitali kkalkulat bl-istess mod bħar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvenza Bażiku permezz tal-formula standard, imma fejn ir-rekwiżiti kapitali għall-moduli jew għas-submoduli jkunu sostitwiti b'rekwiżiti kapitali għal dawn il-moduli jew submoduli li fejn ikun possibbli jiġu kkalkolati bil-mudell intern parzjali;

▼B

(b) S_c huwa r-rekwiżit kapitali mnissel bl-applikazzjoni tal-formula standard tar-Rekwiżit Kapitali ta' Solvenza Bażiku biss għar-riskji li jkunu fl-ambitu tal-formula standard u tal-mudell intern parzjali, imma fejn ir-rekwiżiti kapitali għall-moduli jew għas-submoduli jkunu sostitwiti b'rekwiżiti kapitali għal dawn il-moduli jew submoduli li jiġu kkalkolati bil-mudell intern parzjali;

(c) S_S huwa ddefinit bħal fil-paragrafu 1(a);

(d) d_1 huwa ugwali għal 1 fejn S_S jew S_c ikunu żero u ugwali għal żero fejn S_S u S_c ikunu differenti minn żero.

(3) It-tieni parametru ta' korrelazzjoni implikata jkun ugwali għal li ġej:

$$\omega_2 = \omega_1 \cdot \omega_3 + \frac{1}{2} \cdot \sqrt{(1 - \omega_1^2) \cdot (1 - \omega_3^2)}$$

fejn ω_1 huwa kif iddefinit fil-paragrafu 2 u ω_3 huwa t-tielet parametru ta' korrelazzjoni implikata kif stabbilita fil-paragrafu 4.

(4) It-tielet parametru ta' korrelazzjoni implikata jkun ugwali għal li ġej:

$$\omega_3 = \frac{P^2 - P_S^2 - P_C^2}{d_2 + 2 \cdot P_S \cdot P_C}$$

fejn:

(a) P, P_s u P_c huma kif iddefiniti fil-paragrafu 1;

(b) d_2 huwa ugwali għal 1 fejn P_s jew P_c ikunu żero u ugwali għal żero fejn P_s u P_c ikunu differenti minn żero.

E. **Teknika tal-integrazzjoni 4**

(1) Ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza Bażiku jkun ugwali għal li ġej:

$$BSCR = \sqrt{P^2 + S_S^2 + \sum_{j=k+1}^{n} 2 \cdot S_j \cdot \left(\sum_{i=1}^{l} Corr_{(i,j)} \cdot P_i + \sum_{i=l+1}^{k} Corr_{(i,j)} \cdot S_i\right)} + SCR_{int}$$

fejn:

(a) P huwa r-rekwiżit kapitali li jirrifletti r-riskji li jkunu fl-ambitu tal-mudell intern parzjali, ikkalkulat bil-mudell intern parzjali.

(b) S_S huwa r-rekwiżit kapitali mnissel bl-applikazzjoni tal-formula standard tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza Bażiku biss għar-riskji li mhumiex koperti bil-mudell intern parzjali;

(c) k huwa n-numru ta' moduli tal-formula standard li jkunu fl-ambitu tal-mudell intern parzjali;

(d) n huwa n-numru ta' moduli tal-formula standard;

(e) l huwa n-numru ta' moduli tal-formula standard li għal kull wieħed minnhom jista' jiġi kkalkulat ir-rekwiżit kapitali permezz tal-mudell intern parzjali;

(f) $Corr_{(i,j)}$ huwa l-parametru ta' korrelazzjoni tal-formula standard għall-aggregazzjoni tal-moduli i u j;

(g) P_i huwa r-rekwiżit kapitali għall-modulu i tal-formula standard, ikkalkulat bil-mudell intern parzjali;

▼B

(h) S_i u S_j huma r-rekwiżit kapitali għall-moduli *i* u *j* tal-formula standard rispettivament li jiġu kkalkulati kif ġej:

i. il-modulu jiġi kkalkulat bil-formula standard sakemm il-modulu ma jkunx jikkonsisti f'submoduli;

ii. il-modulu jiġi kkalkulat skont il-paragrafu 2 sakemm il-modulu jkun jikkonsisti f'submoduli.

(i) SCR_{int} huwa r-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' assi intanġibbli kif stabbilit fl-Artikolu 203.

(2) Għall-moduli kollha tal-formula standard imsemmija fil-paragrafu 1(h)(ii), ir-rekwiżit kapitali ta' modulu partikulari għandu jiġi kkalkulat bil-formula stabbilita fil-paragrafu 1, bl-applikazzjoni tad-denominazzjonijiet li ġejjin:

(a) *P* huwa r-rekwiżit kapitali li jirrifletti r-riskji tas-submoduli ta' dak il-modulu partikolari li jkunu fl-ambitu tal-mudell intern parzjali, ikkalkulat bil-mudell intern parzjali.

(b) S_S huwa r-rekwiżit kapitali mnissel bl-applikazzjoni ta' dak il-modulu partikolari biss għar-riskji li ma jkunux koperti bil-mudell intern parzjali;

(c) *k* huwa n-numru ta' submoduli ta' dak il-modulu partikolari li jkunu fl-ambitu tal-mudell intern parzjali;

(d) *n* huwa n-numru ta' submoduli ta' dak il-modulu partikolari;

(e) *l* huwa n-numru ta' submoduli ta' dak il-modulu partikolari li għal kull wieħed minnhom jista' jiġi kkalkulat ir-rekwiżit kapitali permezz tal-mudell intern parzjali;

(f) $Corr_{(i,j)}$ huwa l-parametru ta' korrelazzjoni tal-formula standard għall-aggregazzjoni tas-submoduli i u j ta' dak il-modulu partikolari;

(g) P_i huwa r-rekwiżit kapitali għas-submodulu *i* ta' dak il-modulu partikolari, ikkalkulat bil-mudell intern parzjali;

(h) S_i u S_j huma r-rekwiżit kapitali għas-submoduli *i* u *j* ta' dak il-modulu partikolari rispettivament li jiġu kkalkulati kif ġej:

i. is-submodulu jiġi kkalkulat bil-formula standard sakemm is-submodulu ma jkunx jikkonsisti f'submoduli oħrajn;

ii. is-submodulu jiġi kkalkulat skont il-paragrafu 3 sakemm is-submodulu jkun jikkonsisti f'submoduli oħrajn.

(i) SCR_{int} jkun stabbilit għal żero.

(3) Għas-submoduli kollha tal-formula standard imsemmija fil-paragrafu 2(h)(ii), ir-rekwiżit kapitali ta' submodulu partikulari jiġi kkalkulat bil-formula stabbilita fil-paragrafu 1, bl-applikazzjoni tad-denominazzjonijiet li ġejjin:

(a) *P* huwa r-rekwiżit kapitali li jirrifletti r-riskji tas-submoduli ta' dak is-submodulu partikolari li jkunu fl-ambitu tal-mudell intern parzjali, ikkalkulat bil-mudell intern parzjali.

(b) S_S huwa r-rekwiżit kapitali mnissel bl-applikazzjoni ta' dak is-submodulu partikolari biss għar-riskji li ma jkunux koperti bil-mudell intern parzjali;

(c) *k* huwa n-numru ta' submoduli ta' dak is-submodulu partikolari li jkunu fl-ambitu tal-mudell intern parzjali;

(d) *n* huwa n-numru ta' submoduli ta' dak is-submodulu partikolari;

▼B

(e) l huwa n-numru ta' submoduli ta' dak is-submodulu partikolari li għal kull wieħed minnhom jista' jiġi kkalkulat rekwiżit kapitali permezz tal-mudell intern parzjali;

(f) $Corr_{(i,j)}$ huwa l-parametru ta' korrelazzjoni tal-formula standard għall-aggregazzjoni tas-submoduli i u j ta' dak is-submodulu partikolari;

(g) P_i huwa r-rekwiżit kapitali għas-submodulu i ta' dak s-submodulu partikolari, ikkalkulat bil-mudell intern parzjali;

(h) S_i u S_j huma r-rekwiżit kapitali għas-submoduli i u j ta' dak is-submodulu partikolari rispettivament li jiġu kkalkulati kif ġej:

i. is-submodulu jiġi kkalkulat bil-formula standard sakemm is-submodulu ma jkunx jikkonsisti f'submoduli oħrajn;

ii. is-submodulu jiġi kkalkulat skont dan il-paragrafu sakemm is-submodulu jkun jikkonsisti f'submoduli oħrajn.

(i) SCR_{int} jkun stabbilit għal żero.

F. **Teknika tal-integrazzjoni 5**

(1) Ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza Bażiku jkun ugwali għal li ġej:

$$BSCR = \sqrt{P^2 + S_S^2 + \frac{2 \cdot P}{\sqrt{\sum_{i=1}^{k}\sum_{j=1}^{k} Corr_{(i,j)} \cdot S_i \cdot S_j}} \cdot \sum_{j=k+1}^{n}\sum_{i=1}^{k} Corr_{(i,j)} \cdot S_i \cdot S_j + SCR_{int}}$$

fejn:

(a) P, S_S, k, n, $Corr_{(i,j)}$ u SCR_{int} jiġu ddefiniti bħal fil-paragrafu 1 tat-taqsima E;

(b) S_i u S_j huma r-rekwiżit kapitali għall-moduli i u j tal-formula standard rispettivament li jiġu kkalkulati kif ġej:

i. il-modulu jiġi kkalkulat bil-formula standard sakemm il-modulu ma jkunx jikkonsisti f'submoduli;

ii. il-modulu jiġi kkalkulat skont il-paragrafu 2 sakemm il-modulu jkun jikkonsisti f'submoduli.

(2) Għall-moduli kollha tal-formula standard imsemmija fil-paragrafu 1(b)(ii), ir-rekwiżit kapitali ta' modulu partikulari jiġi kkalkulat bil-formula stabbilita fil-paragrafu 1, bl-applikazzjoni tad-denominazzjonijiet li ġejjin:

(a) P, S_S, k, n, $Corr_{(i,j)}$ u SCR_{int} jiġu ddefiniti bħal fil-paragrafu 2 tat-taqsima E;

(b) S_i u S_j huma r-rekwiżit kapitali għas-submoduli i u j ta' dak il-modulu partikolari rispettivament li jiġu kkalkulati kif ġej:

i. is-submodulu jiġi kkalkulat bil-formula standard sakemm is-submodulu ma jkunx jikkonsisti f'submoduli oħrajn;

ii. is-submodulu jiġi kkalkulat skont il-paragrafu 3 sakemm is-submodulu jkun jikkonsisti f'submoduli oħrajn.

(3) Għall-moduli kollha tal-formula standard imsemmija fil-paragrafu 2(b)(ii), ir-rekwiżit kapitali ta' modulu partikulari jiġi kkalkulat bil-formula stabbilita fil-paragrafu 1, bl-applikazzjoni tad-denominazzjonijiet li ġejjin:

▼B

(a) P, S_S, k, n, $Corr_{(i,j)}$ u SCR_{int} jiġu ddefiniti bħal fil-paragrafu 3 tat-taqsima E;

(b) S_i u S_j huma r-rekwiżit kapitali għas-submoduli i u j ta' dak il-modulu partikolari rispettivament li jiġu kkalkulati kif ġej:

i. is-submodulu jiġi kkalkulat bil-formula standard sakemm is-submodulu ma jkunx jikkonsisti f'submoduli oħrajn;

ii. is-submodulu jiġi kkalkulat skont dan il-paragrafu sakemm is-submodulu jkun jikkonsisti f'submoduli oħrajn.

▼B

ANNESS XIX

FATTURI TAR-RISKJU MCR GĦAL OBBLIGI TAL-ASSIGURAZZJONI JEW TA' RIASSIGURAZZJONI MĦUX TAL-ĦAJJA U TAS-SAĦĦA

	Segment	Linji ta' negozju, kif stabbiliti fl-Anness I, li s-segment jikkonsisti minn	Fattur għad-dispożizzjonijiet tekniċi għas-segment s (αs)	Fattur għall-primjums kontabilizzati għas-segment s (βs)
1	Assigurazzjoni tal-ispiża medika	1 u 13	4,7 %	4,7 %
2	Assigurazzjoni għall-protezzjoni tal-introjtu	2 u 14	13,1 %	8,5 %
3	Assigurazzjoni ta' kumpens tal-ħaddiema	3 u 15	10,7 %	7,5 %
4	Assigurazzjoni ta' obbligazzjoni ta' vetturi bil-mutur u riassigurazzjoni proporzjonali	4 u 16	8,5 %	9,4 %
5	Assigurazzjoni ta' vetturi oħrajn u riassigurazzjoni proporzjonali	5 u 17	7,5 %	7,5 %
6	Assigurazzjoni marittima, tal-avjazzjoni u ta' trasport u riassigurazzjoni proporzjonali	6 u 18	10,3 %	14 %
7	Assigurazzjoni kontra l-ħruq u ħsarat oħra lill-proprjetà u riassigurazzjoni proporzjonali	7 u 19	9,4 %	7,5 %
8	Assigurazzjoni ta' obbligazzjoni ġenerali u riassigurazzjoni proporzjonali	8 u 20	10,3 %	13,1 %
9	Assigurazzjoni dwar kreditu u garanzija u riassigurazzjoni proporzjonali	9 u 21	17,7 %	11,3 %
10	Assigurazzjoni ta' spejjeż legali u riassigurazzjoni proporzjonali	10 u 22	11,3 %	6,6 %
11	L-assistenza u r-riassigurazzjoni proporzjonali tagħha	11 u 23	18,6 %	8,5 %
12	Assigurazzjoni fuq it-telf finanzjarju mixxellanju u riassigurazzjoni proporzjonali	12 u 24	18,6 %	12,2 %
13	Riassigurazzjoni tad-diżgrazzji mhux proporzjonali	26	18,6 %	15,9 %
14	Riassigurazzjoni marittima, tal-avjazzjoni u ta' trasport mhux proporzjonali	27	18,6 %	15,9 %
15	Riassigurazzjoni tal-proprjetà mhux proporzjonali	28	18,6 %	15,9 %
16	Riassigurazzjoni tas-saħħa mhux proporzjonali	25	18,6 %	15,9 %

▼B

ANNESS XX

STRUTTURA TAR-RAPPORT DWAR IS-SOLVENZA U L-KUNDIZZJONI FINANZJARJA U TAR-RAPPORT SUPERVIŻORJU REGOLARI

Sommarju

A. **Negozju u Prestazzjoni**

A.1 Negozju

A.2 Prestazzjoni tas-Sottoskrizzjoni

A.3 Prestazzjoni tal-Investiment

A.4 Prestazzjoni ta' attivitajiet oħra

A.5 Kwalunkwe informazzjoni oħra

B. **Sistema ta' Governanza**

B.1 Informazzjoni ġenerali dwar is-sistema ta' governanza

B.2 Rekwiżiti ta' kompetenza u idoneità

B.3 Sistema ta' ġestjoni tar-riskju inkluża valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza

B.4 Sistema ta' kontroll intern

B.5 Funzjoni ta' awditjar intern

B.6 Funzjoni attwarja

B.7 Esternalizzazzjoni

B.8 Kwalunkwe informazzjoni oħra

C. **Profil tar-Riskju**

C.1 Riskju tas-sottoskrizzjoni

C.2 Riskju tas-suq

C.3 Riskju ta' kreditu

C.4 Riskju tal-likwidità

C.5 Riskju operazzjonali

C.6 Riskji materjali oħra

C.7 Kwalunkwe informazzjoni oħra

D. **Valutazzjoni għal Skopijiet ta' Solvenza**

D.1 Assi

D.2 Dispożizzjonijiet tekniċi

D.3 Obbligazzjonijiet oħrajn

D.4 Metodi alternattivi għall-valutazzjoni

D.5 Kwalunkwe informazzjoni oħra

▼B

E. **Ġestjoni tal-Kapital**

E.1 Fondi proprji

E.2 Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u Rekwiżit Kapitali Minimu

E.3 Użu tas-submodulu tar-riskju ta' ishma bbażat fuq id-durata fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza

E.4 Differenzi bejn il-formula standard u kwalunkwe mudell intern użat

E.5 Nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali Minimu u nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza

E.6 Kwalunkwe informazzjoni oħra

▼B

ANNESS XXI

DEJTA STATISTIKA AGGREGATA

A. **Dejta dwar impriżi u gruppi taħt superviżjoni**

Dejta fir-rigward ta' impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni taħt superviżjoni skont id-Direttiva 2009/138/KE

(1) In-numru ta' impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, in-numru ta' fergħat kif imsemmi fl-Artikolu 13(11) tad-Direttiva 2009/138/KE u n-numru ta' fergħat kif imsemmi fl-Artikolu 162(3) tad-Direttiva 2009/138/KE stabbiliti fl-Istat Membru tal-awtorità superviżorja;

(2) In-numru ta' fergħat ta' impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni stabbiliti fl-Istat Membru tal-awtorità superviżorja li qed iwettqu negozju rilevanti fi Stat Membru wieħed jew iktar;

(3) In-numru ta' impriżi tal-assigurazzjoni stabbiliti fl-Istat Membru tal-awtorità superviżjorja li jeżerċitaw negozju fi Stati Membri oħrajn taħt il-libertà li jipprovdu servizzi;

(4) In-numru ta' impriżi tal-assigurazzjoni stabbiliti fi Stati Membri oħrajn li nnotifikaw l-intenzjoni tagħhom li jeżerċitaw negozju fl-Istat Membru tal-awtorità superviżjorja taħt il-libertà li jipprovdu servizzi u dawk li attwalment jeżerċitaw negozju;

(5) In-numru ta' impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE;

(6) In-numru ta' strumenti ta' għan speċjali awtorizzati skont l-Artikolu 211 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(7) In-numru ta' impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni suġġetti għal miżuri ta' riorganizzazzjoni jew proċeduri ta' stralċ;

(8) In-numru ta' impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u n-numru tal-portafolli tagħhom fejn l-aġġustament għall-korrispondenza msemmi fl-Artikolu 77b tad-Direttiva 2009/138/KE jiġi applikat.

(9) In-numru ta' impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li japplikaw l-aġġustament tal-volatilità msemmi fl-Artikolu 77d tad-Direttiva 2009/138/KE.

(10) In-numru ta' impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li japplikaw l-istruttura tranżitorja tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju msemmija fl-Artikolu 308c tad-Direttiva 2009/138/KE.

(11) In-numru ta' impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li japplikaw it-tnaqqis tranżitorju għad-dispożizzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 308d tad-Direttiva 2009/138/KE.

(12) L-ammont totali ta' assi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni vvalutati skont l-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE, skont il-klassijiet ta' assi materjali;

(13) L-ammont totali ta' obbligazzjonijiet tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni vvalutati skont l-Artikoli 75 sa 86 tad-Direttiva 2009/138/KE, maqsumin skont id-dispożizzjonijiet tekniċi u obbligazzjonijiet oħrajn, b'indikazzjoni separata tal-obbligazzjonijiet subordinati li mhumiex inklużi fil-fondi proprji;

(14) L-ammont totali ta' fondi proprji bażiċi, b'indikazzjoni separata tal-obbligazzjonijiet subordinati li huma inklużi fil-fondi proprji, u l-ammont totali ta' fondi proprji anċillari;

(15) L-ammont eliġibbli totali ta' fondi proprji biex ikopri r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, ikklassifikat skont il-livelli;

▼B

(16) L-ammont eliġibbli totali ta' fondi proprji bażiċi biex ikopri r-Rekwiżit Kapitali Minimu, ikklassifikat skont il-livelli;

(17) L-ammont totali tar-Rekwiżit Kapitali Minimu;

(18) L-ammont totali tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(19) Fejn ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza huwa kkalkulat bl-użu tal-formula standard, l-ammont totali tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza skont il-modulu u s-submodulu tar-riskju — fil-livell ta' aggregazzjoni disponibbli — espress bħala perċentwal tal-ammont totali tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza;

(20) Fejn ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza għar-riskju ta' kreditu huwa kkalkulat bl-użu tal-formula standard, l-ammont totali tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza għas-submoduli tar-riskju ta' firxa u ta' konċentrazzjoni tar-riskji tas-suq u għall-modulu ta' riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti li għalihom twettqet rivalutazzjoni tal-istadji tal-kwalità tal-kreditu tal-iskoperturi ikbar jew aktar kumplessi skont il-paragrafu 5 tal-Artikolu 4 — fil-livell ta' aggregazzjoni disponibbli — espress bħala perċentwal tal-ammont totali tas-submoduli jew modulu rispettivi;

(21) Fejn ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza huwa kkalkulat bl-użu ta' mudell intern parzjali approvat, l-ammont totali tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza skont il-modulu u s-submodulu ta' riskju — fil-livell ta' aggregazzjoni disponibbli — espress bħala perċentwal tal-ammont totali tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza; dejta dwar il-mudelli interni li l-ambitu tagħhom jinkludi riskju ta' kreditu kemm f'riskju tas-suq kif ukoll f'riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti tiġi divulgata b'mod separat;

(22) In-numru ta' impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jużaw mudell intern sħiħ approvat u n-numru ta' impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jużaw mudell intern parzjali approvat għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza; dejta dwar il-mudelli interni li l-ambitu tagħhom jinkludi riskju ta' kreditu kemm f'riskju tas-suq kif ukoll f'riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti tiġi divulgata b'mod separat;

(23) In-numru ta' żidiet kapitali, iż-żieda kapitali medja għal kull impriża u d-distribuzzjoni taż-żidiet kapitali mkejla bħala perċentwal tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, fir-rigward tal-impriżi kollha tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni sorveljati taħt id-Direttiva 2009/138/KE.

L-informazzjoni stabbilita fil-paragrafi 1 sa 5, 7 sa 17 tiġi pprovduta separatament għal:

— l-impriżi kollha tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni;

— impriżi tal-assigurazzjoni tal-ħajja;

— impriżi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja;

— impriżi tal-assigurazzjoni li jeżerċitaw simultanjament attivitajiet tal-assigurazzjoni tal-ħajja kif ukoll mhux tal-ħajja;

— impriżi tar-riassigurazzjoni.

Dejta fir-rigward ta' gruppi tal-assigurazzjoni taħt superviżjoni skont id-Direttiva 2009/138/KE

(24) In-numru ta' gruppi tal-assigurazzjoni li l-awtorità superviżjorja hija s-superviżur tal-grupp tagħhom, inkluż in-numru ta' impriżi sussidjarji tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni fil-livell nazzjonali, fi Stati Membri oħrajn u f'pajjiżi terzi, maqsumin ukoll skont il-pajjiżi terzi ekwivalenti u nonekwivalenti skont l-Artikolu 260 tad-Direttiva 2009/138/KE;

▼B

(25) In-numru ta' gruppi tal-assigurazzjoni li l-awtorità superviżjorja hija s-superviżur tal-grupp tagħhom, fejn l-impriża prinċipali aħħarija tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jew il-kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta li għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha fl-Unjoni hija impriża sussidjarja ta' kumpanija li għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha barra mill-Unjoni.

(26) In-numru ta' impriżi prinċipali aħħarin tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jew kumpaniji b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni jew kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħalltin suġġetti għas-superviżjoni tal-grupp fil-livell nazzjonali mill-awtorità superviżorja skont l-Artikolu 216 tad-Direttiva 2009/138/KE, inkluż għal kull impriża u kumpanija azzjonarja bħal dawn in-numru ta' impriżi sussidjarji tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni fil-livell nazzjonali, fi Stati Membri oħrajn u f'pajjiżi terzi, maqsumin ukoll skont il-pajjiżi terzi ekwivalenti u nonekwivalenti skont l-Artikolu 260 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(27) In-numru ta' impriżi prinċipali aħħarin tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jew kumpaniji b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni jew kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħalltin suġġetti għas-superviżjoni tal-grupp fil-livell nazzjonali mill-awtorità superviżorja skont l-Artikolu 216 tad-Direttiva 2009/138/KE, fejn impriża prinċipali aħħarija relatata oħra fil-livell nazzjonali tkun preżenti kif imsemmi fl-Artikolu 217 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(28) In-numru ta' gruppi tal-assigurazzjoni tranfruntieri fejn l-awtorità superviżorja hija s-superviżur tal-grupp;

(29) In-numru ta' gruppi tal-assigurazzjoni li tħallew jużaw il-metodu 2 jew kombinazzjoni tal-metodi 1 u 2 skont l-Artikolu 220(2) tad-Direttiva 2009/138/KE għall-kalkolu tas-solvenza fil-livell tal-grupp;

(30) L-ammont totali tal-fondi proprji eliġibbli tal-grupp għall-gruppi tal-assigurazzjoni li l-awtorità superviżorja hija s-superviżur tal-grupp tagħhom, b'mod separat għall-fondi proprji eliġibbli tal-grupp ikkalkulati skont il-metodu 1 kif imsemmi fl-Artikolu 230(1) tad-Direttiva 2009/138/KE u għall-fondi proprji eliġibbli tal-grupp ikkalkulati skont il-metodu 2 kif imsemmi fl-Artikolu 233 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(31) L-ammont totali tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp għall-gruppi tal-assigurazzjoni li l-awtorità superviżorja hija s-superviżur tal-grupp tagħhom, b'mod separat għar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp ikkalkulat skont il-metodu 1 kif imsemmi fl-Artikolu 230(1) tad-Direttiva 2009/138/KE u għar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp ikkalkulat skont il-metodu 2 kif imsemmi fl-Artikolu 233 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(32) In-numru ta' gruppi tal-assigurazzjoni li l-awtorità superviżorja hija s-superviżur tal-grupp tagħhom li jużaw mudell intern sħiħ approvat għall-kalkolu tar-Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza tal-grupp, u n-numru ta' gruppi tal-assigurazzjoni li tagħhom l-awtorità superviżorja hija s-superviżur tal-grupp li jużaw mudell intern parzjali approvat għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp. Din l-informazzjoni tiġi divulgata separatament għall-approvazzjonijiet skont l-Artikolu 230 u l-Artikolu 231 tad-Direttiva 2009/138/KE.

▼M1

L-informazzjoni stabbilita fil-paragrafi 1 sa 32 tiġi pprovduta f'relazzjoni mat-tmiem tal-aħħar sena kalendarja. Fir-rigward tal-paragrafi 12 sa 21, 23, 24 u 29 sa 31 l-informazzjoni tkun relatata mat-tmiem tas-sena finanzjarja tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u tal-gruppi ta' assigurazzjoni li ntemmu fl-aħħar sena kalendarja.

▼B

B. **Dejta dwar l-awtorità superviżorja**

(1) L-istruttura tal-awtorità superviżorja inkluż in-numru tal-persunal fi tmiem l-aħħar sena kalendarja;

▼B

(2) In-numru ta' verifikazzjonijiet fuq il-post imwettqin kemm fuq il-livell individwali kif ukoll fuq il-livell ta' grupp, u n-numru totali ta' jiem ta' xogħol minn persuna iddedikati għalihom, li jispeċifikaw ukoll in-numru ta' spezzjonijiet regolari u spezzjonijiet *ad hoc*, spezzjonijiet assenjati lil partijiet terzi u spezzjonijiet fuq il-post taħt is-superviżjoni tal-grupp li twettqu b'mod konġunt ma' membri oħrajn tal-Kulleġġ tas-superviżuri tal-grupp; dejta dwar spezzjonijiet imwettqa sabiex tiġi eżaminata u evalwata d-dipendenza tal-impriżi fuq klassifikazzjonijiet esterni tiġi divulgata b'mod separat;

(3) In-numru ta' reviżjonijiet formali kemm fuq il-livell individwali kif ukoll fuq il-livell ta' grupp, tal-konformità kontinwa tal-mudelli interni sħaħ jew parzjali mar-rekwiżiti fir-rigward tan-numru ta' mudell interni li jintużaw; dejta dwar rieżaminazzjonijiet imwettqa sabiex tiġi rieżaminata u evalwata d-dipendenza tal-impriżi fuq klassifikazzjonijiet esterni tiġi divulgata b'mod separat;

(4) In-numru ta' mudelli interni parzjali u ta' mudelli interni sħaħ sottomessi għall-approvazzjoni u kemm minn dawn l-applikazzjonijiet irnexxew, maqsumin f'impriżi individwali u gruppi; dejta dwar il-mudelli interni li l-ambitu tagħhom jinkludi riskju ta' kreditu kemm f'riskju tas-suq kif ukoll f'riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti tiġi divulgata b'mod separat;

(5) In-numru ta' miżuri korrettivi meħuda, kif definiti mill-Artikoli 110, 117, 119, 137, 138 u 139 tad-Direttiva 2009/138/KE, skont it-tip ta' miżura; in-numru ta' miżuri korrettivi kif definiti mill-Artikolu 119 skattati minn devjazzjoni tal-profil tar-riskju tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni fir-rigward tal-kreditu ta' riskju tagħhom;

(6) In-numru ta' awtorizzazzjonijiet irtirati;

(7) In-numru ta' awtorizzazzjonijiet mogħtija lil impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni;

(8) Il-kriterji użati għall-applikazzjoni ta' żidiet kapitali u l-kriterji għall-kalkolu u t-tneħħija tagħhom;

(9) In-numru ta' applikazzjonijiet sottomessi lill-awtoritajiet superviżorji għall-użu tal-aġġustament għall-korrispondenza msemmi fl-Artikolu 77b tad-Direttiva 2009/138/KE u kemm minnhom irnexxew.

(10) Fejn Stati Membri għażlu li jirrikjedu approvazzjoni minn qabel għall-użu tal-aġġustament tal-volatilità msemmi fl-Artikolu 77d tad-Direttiva 2009/138/KE, in-numru ta' applikazzjonijiet sottomessi lill-awtoritajiet superviżorji għall-użu ta' dan l-aġġustament u kemm minnhom irnexxew.

(11) In-numru ta' estensjonijiet mogħtija skont l-Artikolu 138(4) tad-Direttiva 2009/138/KE, u d-durata medja tagħhom;

(12) In-numru ta' awtorizzazzjonijiet mogħtija skont l-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(13) In-numru ta' applikazzjonijiet sottomessi lill-awtorità superviżorja għall-użu tal-istruttura tranżizzjonali tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju msemmija fl-Artikolu 308c tad-Direttiva 2009/138/KE, kemm minnhom irnexxew u n-numru ta' deċiżjonijiet biex tiġi rrevokata l-approvazzjoni ta' din il-miżura tranżizzjonali skont l-Artikolu 308e tad-Direttiva 2009/138/KE.

(14) In-numru ta' applikazzjonijiet sottomessi lill-awtorità superviżorja għall-użu tat-tnaqqis tranżizzjonali għad-dispożizzjonijiet tekniċi msemmi fl-Artikolu 308d tad-Direttiva 2009/138/KE u kemm minnhom irnexxew.

▼B

(15) In-numru ta' laqgħat tal-Kulleġġi tas-superviżuri li attendiet għalihom l-awtorità superviżorja bħala membru u dawk li ppresediet bħala superviżur tal-grupp;

(16) In-numru ta' applikazzjonijiet sottomessi lill-awtorità superviżorja għall-approvazzjoni ta' fondi proprji anċillari, kemm minn dawn l-applikazzjonijiet irnexxew u l-karatteristika ewlenija tal-elementi approvati;

(17) In-numru ta' applikazzjonijiet sottomessi lill-awtorità superviżorja għall-approvazzjoni tal-valutazzjoni u l-klassifikazzjoni ta' elementi ta' fondi proprji, li mhumiex koperti mil-lista tal-Artikoli 69, 72, 74, 76 u 78, kemm minn dawn l-applikazzjonijiet irnexxew, il-karatteristiċi ewlenin tal-elementi u l-metodu użat għall-valutazzjoni u l-klassifikazzjoni tagħhom;

(18) In-numru u l-ambitu ta' analiżi tal-evalwazzjoni bejn il-pari organizzati u mwettqa mill-AEAPX skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, li fihom ħadet sehem l-awtorità superviżorja.

▼M1

L-informazzjoni stabbilita fil-paragrafi 2 sa 18 tiġi pprovduta fir-rigward tal-aħħar sena kalendarja.

▼B

ANNESS XXII

KOEFFIĊJENTI TA' KORRELAZZJONI GĦAR-RISKJU TA' MALTEMPATI TAR-RIĦ

Il-parametru ta' korrelazzjoni $Corr_{(windstorm,r,i,j)}$ li ssir referenza għalih fl-Artikolu 121(5) għar-reġjun r ikun ekwivalenti għall-entrata fir-ringiela i u fil-kolonna j tal-matriċi ta' korrelazzjoni li ġejjin. L-intestaturi tar-ringieli u l-kolonni jindikaw iż-żoni ta' riskju speċifiċi għar-reġjun skont l-għadd ta' segmenti stabbiliti fl-Anness IX.

Il-koeffiċjenti ta' korrelazzjoni għal reġjuni b'żona ta' riskju waħda biss

